# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur: C. Zammit-Marmarà, M.B.E.

Nru. 66 IL-HAMIS, IS-16 TA' AWISSU, 1945. Nru. 66

# IL-MARD TAL-BAQAR

(Mit-Taħdita li għamel is-Sur ROBERT B IASINI, Direttur tal-Biedja, minn fuq ir-"Rediffusion" fil-5 ta' Awissu, 1945).

**IS-SUR Gatt Rutter, it-Tabib tal-Biċċerija, diġà kellimkom darbtejn minn fuq ir-"Rediffusion" fin-"Nofs Siegħa tal-Bidwi" dwar il-Kitba u t-Titqib tal-Baqar u fissrilkom kemm hu meħtieġ illi aħna neqirdu l-mard mill-baqar l-għaliex din il-problema qiegħda issa, kull ma tmur, issir iżjed urġenti u naturalment iżjed ta' tfixkil. Din il-problema mes-set il-kuxjenza tagħna il-għaliex hija tolqot is-saħħa tal-poplu tagħna tal-lum u ta' għada. Din il-problema tmissilna wkoll butna, għaliex il-mard fil-baqar iġib telf ta' flus mhux żgħir.**

**Fl-istess ħin jekk aħna rridu illi l-ħalib tal-baqra jsir iżjed popolari u l-poplu jkun ifittxu iżjed mil-lum, jinħtieġ li aħna nieħdu l-passi meħtieġa biex neqirdu l-baqar li jkunu mimsusa bit-Tuberkulożi, jiġifieri bil-Marsuttin, biex b'hekk aħna neħħu minn ras il-poplu dak il-biża' li tnissel fih minħabba din il-marda kerha, għalkemm għedna kemm-il-darba illi meta l-ħalib ikun pasturizzat ma jkun fih ebda periklu.**

**Il-passi kollha li semmielkom it-Tabib Gatt Rutter jinħtieġ li mhux biss jittieħdu bil-qawwa kollha, imma li jittieħdu bil-qalb ukoll. Nofs xogħol magħmul b'nofs qalb ma jagħti l-ebda riżultat tajjeb. Għaldaqshekk dawk il-bdiewa kollha li għandhom il-baqar, għandhom igħinu lit-Tobba tal-Biċċerija biex dawn ikunu jistgħu jittestjaw il-baqar u b'hekk ikunu żguri jekk hemmx baqar morda.**

**It-Tabib tal-Biċċerija, qiegħed jikteb il-baqar kollha, għaliex hu meħtieġ illi d-Dipartiment ikun jaf kemm hawn baqar fil-pajjiż u fejn qegħdin, u, wara dan, iżomm għajnejh fuqhom biex jara kemm hemm minnhom morda b'din il-marda tassew perikoluża.**

**Għandi pjaċir ngħid illi kull fejn mar s'issa t-Tabib tal-Biċċerija ġie milqugħ tajjeb u mogħti kull għajnuna. Dan hu sewwa ħafna, il-għaliex juri illi l-bidwi, kif ukoll dawk li jrabbu l-baqar, fehmu tajjeb li dan il-pass huwa għall-ġid tagħhom; pass li mhux biss inaqqas ħafna tilwim li ta' spiss kien isir bejn bejjiegħ u xerrej ta' baqar, imma fl-istess ħin igħin biex inwaqqfu razza ta' baqar b'saħħitha fil-pajjiż, li b'hekk tkun ta' għajnuna kbira fit-torbija tagħhom l-għaliex il-ħalib ikun iżjed imfittex u b'hekk ukoll irnexxilna neqirdu dak il-biża' li jeżisti fin-nies li jixorbu l-ħalib tal-baqar.**

## IŻ-ŻIEDA FIL-GĦADD TAN-NGĦAĠ U T-TITJIB FIN-NISEL TAGĦHOM

*(J. Orlando Smith)*

### Il-Ħalib bħala Ikel essenzjali

META fid-dinja kollha għad hawn diffikultajiet kbar biex wieħed jikseb l-ikel meħtieġ għall-bniedem huwa ta' impurtanza kbira li aħna wkoll hawn Malta nissuktaw ninqdew bil-ħila tagħna kollha sabiex nipproduċu dak li niħtieġu mingħajr ma jkollna niddependu għalkollox mill-importazzjoni.

Il-biedja hija l-qofol ta' kull ikel meħtieġ għall-bniedem, u l-ħalib jieħu post ewlieni bħala sehem mill-biedja sabiex jagħti wieħed mill-ikel l-aktar meħtieġ li hawn fid-dinja. Hija l-fehma ta' l-aqwa esperti tad-dinja li għalkemm il-ħalib imnixxef f'għamla ta' trab u l-ħalib kondensat huma tajba, il-ħalib frisk huwa essenzjali għat-trabi, tfal żgħar, għan-nisa li jkunu sa jsiru ommijiet u għall-morda. Dan juri l-impurtanza tassew kbira taż-żieda fil-produzzjoni ta' ħalib frisk għal dawn il-finijiet.

### Żieda fit-tnissil ta' Ngħaġ minn Imtaten ta' Razza "East Freisian"

Biex naslu għal dan il-ħsieb, nistgħu ninqdew bħala wieħed mill-mezzi: it-tkattir tan-nisel tan-ngħaġ, u n-nisel ta' dawn in-ngħaġ irid ikun nisel pur sabiex inżidu l-ħalib kemm nistgħu għall-ħtiġijiet tagħna. Id-Dipartiment xi disa' snin ilu kien importa imtaten tar-Razza "East Freisian" biex inħalltu d-demm tagħhom man-ngħaġ li kellna hawn Malta u b'hekk innisslu ngħaġ mill-aktar imfaħħra li hawn fid-dinja. Din ir-razza hija magħrufa ma' kullimkien bħala waħda mill-aħjar għall-produzzjoni tal-ħalib, kif ukoll għal-laħam, għall-kwalità u għall-kwantità ta' suf li jċorfgħu. L Għawdxin malajr intebħu bil-vantaġġi kbar li sejjer ikollhom mit-taħlit ta' din ir-razza u tista' tgħid li f'Għawdex l-imtaten ta' razza Maltija pura ġew kważi meqruda għal kollox u flokhom qegħdin jitrawmu l-imtaten tar-razza "East Freisian" li minnhom qegħdin jieħdu l-vantaġġi tajba ta' dan in-nisel.

Meta ħaruf "Freisian" jinqatel ta' tliet ġimgħat il-pis tiegħu jilħaq daqs tliet iħ.ief tar-razza Maltija. Suf jagħti d-doppju ta' dak li jagħtu l-ħrief tar-razza tagħna. In-nagħġa li toħroġ minn din ir-razza tagħti ħalib wisq aktar mir-razza li kellna qabel.

F'dawn iż-żminijiet imwiegħra, meta l-ġwież għadhom skarsi ħafna, wieħed isib li jkun jaqbillu biex ikabbar in-nisel ta' dawn in-ngħaġ il-għaliex dawn, bil-maqlub ta' bhejjem oħra, igħaddu b'kollox u jistgħu jitrabbew bla tbatija u mingħajr ħsieb biex wieħed jara kif jagħmel u jikseb il-ġwież meħtieġ. M'għandniex x'ingħidu, bil-ġwież, in-ngħaġ javanzaw wisq iżjed, iżda minħabba n-nuqqas li għad hawn ta' trasport ma hijiex ħaġa ħafifa li wieħed jikseb kemm ġwież jinħtieġ. Dan li għedna juri ċar kemm jaqbel aktar illi nżidu fit-torbija ta' dawn in-ngħaġ li jgħaddu b'kollox fil-waqt li jagħtuna l-ħalib li aħna tant neħtieġu.

Nagħlqu billi nħeġġu bil-qawwa meħtieġa lill-bdiewa Maltin biex jikkupjaw lil ħuthom ta' Għawdex u jiksbu kemm jistgħu nisel ta' din ir-razza għall-ġid tagħhom infushom u fl-istess ħin tan-Nazzjon kollu.

# Tagħrif dwar il-Kitba u t-Titqib tal-Baqar u l-Mard tal-Majjali

(T. E. Gatt Rutter, B.Sc., M.R.C.V.S.)

**IX-XOGHOL TAT-TITQIB—KIF ISIR**

FL-AĦĦAR ħarġa tkellimna xi ħaġa dwar il-kitba u t-titqib tal-bhejjem tal-ifrat. Ix-xogħol li sar s'issa kien fost il-merħliet il-kbar, jiġifieri dawk il-merħliet li fihom minn ħames bhejjem 'il fuq—u dawn kważi kollha lesteJnieħom; imma issa tibda l-biċċa xogħol li għalina hija iebsa tassew u din hija l-kitba u t-titqib tal-waħdiet u t-tnejnijiet. Kif tafu intom, il-bhejjem fil-kampanja jinstabu imxerrdin 'l hawn u 'l hinn: bosta drabi l-karrozza ma tasalx sal-post billi t-trieq ma tkunx tajba jew ma jkunx hemm ħlief xi mogħdija, meta r-razzett ma jkunx ukoll imwarrab ħafna mit-toroq. Bosta drabi nsibu li jkun hemm daqs għaxar minuti jew kwarta mixi kull naħa u b'hekk wieħed jista' jaħseb kemm ikun hemm telf ta' żmien jekk ix-xogħol ikollna nagħmluh fil-post fejn jinżammu dawn il-bhejjem imxerrda. Għalhekk, biex inħaffu kemm jista' jkun biħsiebni nlaqqa', f'post wieħed li jkun fil-qabda għal kulħadd, dawk il-bdiewa kollha li għandhom bhima waħda jew tnejn. Ngħidu aħna, ta' l-Imġarr jiltaqgħu f'daqqa, ġurnata waħda, ta' l-Imtaħleb jiltaqgħu f'ġurnata oħra u nibqgħu sejrin hekk. B'daqshekk aħna nkunu nistgħu nimxu billant u niffrankaw ħafna żmien. Iżjed 'il quddiem, meta jasal il-waqt aħna navżaw lill-bdiewa, daqs ġimgħa qabel meta nkunu ġejjin għax-xogħol, u ngħidulhom ukoll fejn u x'ħin ikun sa jsir dan ix-xogħol ta' siwi kbir għall-bdiewa nfusom u tassew għan-Nazzjon kollu.

Kif ġa għidtilkom id-darba l-oħra, dana kollu li d-Dipartment tal-Biedja qiegħed jagħmel mhux qed isir ħlief, biex fl-aħħar jirnexxilna neqirdu dik il-marda tant kerha u baxxa, Il-Mard tas-Sider. Hekk, allura, intom taraw il-għaliex, kemm jista' jkun, jien nixtieq inħaffef f'dan ix-xogħol—il-għaliex iktar ma nlestu malajr, iktar inkunu nistgħu niehdu l-passi meħtieġa biex neħilsu minn din il-marda mill-iktar fis.

**IL-MARD TAL-MAJJALI U KIF TILQGHU**

Issa sa ngħidilkom kelmtejn dwar il-mard tal-majjali. Kif naħseb li lkoll tafu, din is-sena hawn passa fil-majjali li hija ħarxa wisq. Ta' sikwit ikun hawn xi majjal f'sikktu u f'aptitu u l-għada ssibu mgħaxxex, jaqta' l-ikel u fi żmien qasir imut. Mhux hekk biss, iżda l-marda tixtered fost l-oħrajn fi żmien qasir. Minn hekk jidher kemm hija marda tassew tal-biżgħa u għalhekk jiħtieġ li wieħed jagħmel kull ma jista' biex is-sid ibati ħsara mill-inqas. L-aħjar ħaġa li wieħed jista' jagħmel hija li jilqa' mill-ewwel. Dak li għandu jsir huwa dan: l-ewwelnett, indafa kbira mal-maqjel kollu. Din hija ħaġa wisq meħtieġa, għaliex kif dejjem ngħidulkom, il-ħmieġ iġib il-mard u mhux biss li, biex ngħidu hekk, il-mard jitrabba, iżda aktar ma l-bhejjem ikunu miżmumin fil-ħmieġ inqas ikunu jifilħu għall-mard. L-aħjar mod kif wieħed għandu jżomm il-majjali huwa li wieħed isibilhom post fejn ikollhom arja tajba u jara li l-art tkun tal-konkos biex tkun tista' tinħasel u titnaddaf sewwa u spiss. Aktar ma l-bhejjem ikunu miżmumin fin-nadif aktar jiġu 'l quddiem u inqas jieħdu mard.

Għal din il-passa li hawn għadu ma nstabx rimedju ta' fejqan. Kif ġa għidtilkom, il-marda tolqothom f'daqqa u ma tagħti żmien ta' xejn; u jekk wieħed ma joqgħodx attent il-majjali jibdew imutu wieħed wara l-ieħor u bosta drabi dawn ma jkunux tajbin għall-ikel. Għalhekk malli qażquż jaqta' mill-ikel, l-aħjar wieħed inizzlu l-Biċċerija mingħajr ma joqgħod jistenna li jgħaddi għall-aħjar, il-għaliex il-mard 'il quddiem jimxi u mhux lura.

Fl-istess ħin, id-Dipartiment tal-Biedja qiegħed jara x'jista' jagħmel biex inaqqas kemm jista' jkun dan il-mard u b'hekk inaqqas it-telf lill-bidwi. Fl-Ingilterra hemm Ditti li qegħdin jagħmlu ċertu tilqim. Dana—jgħidu dawn id-Ditti—jekk jintuża fuq majjali żgħar li jkunu qawwijin u sħaħ iħarishom mill-marda għal sitt xhur, jiġifieri li jekk il-qżieqeż jitlaqqmu mal-fatma, dawn ikunu mħarsin mill-marda sakemm ikunu laħqu għal qtil. Id-Dipartiment tal-Biedja, għaldaqstant kien kiteb barra, biex jara jekk ikunux jistgħu jibgħatulna minn dan it-tilqim u, xi kemm ikun jiswa.

Issa aħna rċevejna risposta minn barra fejn qalulna illi jkunu jistgħu jibagħtulna ftit minn dan it-tilqim. B'kollox dan it-tilqim jiġi jiswa dwar tmintax irbiegħi r-ras — jiġifieri t-tilqim ta' tmien majjali jqum lira. Dana jidhirli illi mhux għali wisq għax tal-lira li wieħed jonfoq il-lum idaħħal somma ta' flus sabiħa fi żmien sitt xhur. F'dawn iż-żminijiet tafu bizżejjed li l-prezz tal-majjal huwa tajjeb ħafna u jekk jirnexxilna nnaqqsu, jew inkella aħjar, neqirdu l-mard, il-prezz jibqa' tajjeb, it-telf jonqos u t-torbija tal-majjali tibqa' sejra 'l quddiem kif kienet sa kemm inqala' l-mard.

**Għaldaqstant min għandu majjali li jridna nlaqqmuhomlu għandu jiġi javżana l-Biċċerija mill-aktar fis sabiex aħna nkunu nafu x'inhuma l-bżonnijiet u nibdew naħsbu malajr bla telf ta' żmien.**

## IT-TORBIJA TAD-DUNDJANI

*(Jissokta' mill-faċċata 2)*

jerfgħu ħafna laħam u bajd, huwa l-qamħ, u b'hekk tara għalik innifsek illi dak li tiżra' taħsad.

**Għeluq**

Fi ftit kliem, biex ikollok success fit-torbija tad-dundjani, dawn il-ħwejjeġ huma meħtieġa:

**Kondizzjonijiet tajba fejn jinżammu.**
**Beraħ fejn jirgħu.**
**Art ratba u nadifa, li ma tkunx umda.**
**Ikel mhux żejjed, u attenzjoni li ma jkollhomx insetti fuq ġisimhom.**

Is-success fit-torbija tad-dundjani jiddependi l-aktar mill-kura u t-tmexxija tajba li dawn ikollhom.

